**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0393/2023**

5.12.2023

# RAPPORT

li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-promozzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika fl-UE
(2023/2184(INL))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Christian Ehler

(Inizjattiva – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura)

(Awtur tal-proposta: Christian Ehler)

PR_INL

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................3

ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA...........................................................9

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM..........................................................................................................13

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.................14

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.......15

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-promozzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika fl-UE**
**(2023/2184(INL))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 49, 56 u 179(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 12 u 13 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta’ Bonn dwar il-Libertà tar-Riċerka Xjentifika adottata fil-Konferenza Ministerjali dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka fl-20 ta’ Ottubru 2020 f’Bonn (id-“Dikjarazzjoni ta’ Bonn”),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta’ Settembru 2020 bit-titolu “ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni”,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta’ Mejju 2021 dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni - L-istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f’dinja li qed tinbidel,

– wara li kkunsidra l-Aġenda tal-Politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, Azzjoni 6,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta’ Diċembru 2020 dwar il-Pjan ta’ Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Premessa 72 tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013[1],

– wara li kkunsidra l-Valutazzjoni tal-Valur Miżjud Ewropew tal-2023 dwar il-Promozzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika ppreżentata mill-Unità tal-Valur Miżjud Ewropew lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija fit-18 ta’ Settembru 2023,

– wara li kkunsidra l-Komunikat Ministerjali ta’ Ruma tad-19 ta’ Novembru 2020 mill-Ministri Ewropej responsabbli għall-edukazzjoni għolja, fil-qafas taż-Żona Ewropea ta’

[1] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

Edukazzjoni Għolja, b'mod partikolari l-Anness I dwar il-Libertà Akkademika,

– wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-SFIC dwar l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Bonn fil-Kooperazzjoni Internazzjonali fir-Riċerka u l-Innovazzjoni (ERAC-SFIC 1356/21)(2021),

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-UNESCO dwar ix-Xjenza u r-Riċerkaturi Xjentifiċi (2017),

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni Rigward l-Istatus tal-Persunal tat-Tagħlim fl-Edukazzjoni Għolja, adottata mill-Konferenza Ġenerali tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO), fid-29 sessjoni tagħha mill-21 ta' Ottubru sat-12 ta' Novembru 1997,

– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi,

– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 47 u 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Forum Strateġiku għall-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika Internazzjonali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A9-0393/2023),

A. billi l-libertà tar-riċerka xjentifika, li hija element essenzjali tad-demokrazija u waħda mill-partijiet kostitwenti tal-libertà akkademika, tinsab taħt pressjoni fl-Unjoni u qed tonqos gradwalment[2], kif jidher mill-fatt li fl-Indiċi tal-Libertà Akkademika l-Istati Membri kollha kellhom punteġġ ogħla minn 0,85 fl-indiċi fl-2008 filwaqt li fl-2022 xi Stati Membri naqsu b'mod sinifikanti, bl-inqas punteġġ għall-2022 li kien ta' 0,34;

B. billi r-restrizzjonijiet għal-libertà tar-riċerka xjentifika għandhom impatti negattivi għall-ekonomija tal-Unjoni billi jxekklu l-innovazzjoni, jitfgħu lura l-progress xjentifiku, u jnaqqsu l-kompetittività globali tal-Ewropa;

C. billi t-tnaqqis tal-libertà tar-riċerka xjentifika jikkontribwixxi għall-eżodu ta' mħuħ tal-aqwa riċerkaturi, l-awtoċensura fost l-akkademiċi, inqas analiżi kritika dwar kwistjonijiet soċjali u politiċi, inqas kollaborazzjoni interdixxiplinarja, u inqas diskorsi u dibattiti pubbliċi;

D. billi n-nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi jaffettwa l-kapaċità li wieħed igawdi bis-sħiħ il-libertà tar-riċerka xjentifika; billi eluf ta' riċerkaturi jaħdmu b'finanzjament tal-proġetti b'durata limitata, permezz ta' għotjiet għar-riċerka individwali jew għal dik għall-

[2] Studju tal-STOA: State of play of academic freedom in the EU member states: Overview of de facto trends and developments (Is-sitwazzjoni attwali tal-libertà akkademika fl-Istati Membri tal-UE: Ħarsa ġenerali lejn ix-xejriet u l-iżviluppi *de facto*)

proġetti, b'kuntratti ta' impjieg għal żmien fiss jew billi jwettqu kompiti speċifiċi bħala persuni li jaħdmu għal rashom, u jkollhom nuqqas ta' sigurtà fl-impjieg u protezzjoni tal-ħaddiema;

E. billi d-Dikjarazzjoni ta' Bonn tinkludi definizzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika u tirrikonoxxi r-responsabbiltajiet kemm għall-gvernijiet kif ukoll għall-organizzazzjonijiet tar-riċerka li jippromwovu l-libertà tar-riċerka xjentifika;

F. billi d-difiża tal-libertà tar-riċerka xjentifika tiżgura li r-riċerka xjentifika sservi l-interess pubbliku u tikkontribwixxi għall-iżvilupp u kundizzjonijiet ta' għajxien imtejbin għan-nies;

G. billi d-Dikjarazzjoni ta' Bonn hija nieqsa minn strumenti ta' implimentazzjoni fil-livell Ewropew;

H. billi jeżisti korp sod tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-libertà akkademika, inkluża l-libertà tar-riċerka xjentifika, li jistabbilixxi għadd ta' standards legali u prinċipji għall-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà akkademika;

I. billi, fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Ottubru 2020 fil-Kawża C-66/18[3], il-Qorti tal-Ġustizzja sabet li l-Liġi Ungeriża dwar l-edukazzjoni għolja nazzjonali ċaħħdet lill-organizzazzjonijiet affettwati mill-istruttura organizzattiva li hija meħtieġa biex iwettqu r-riċerka akkademika tagħhom, li juri l-erożjoni tal-libertà akkademika fl-Ungerija;

J. billi atti leġiżlattivi speċifiċi tal-Unjoni jillimitaw il-libertà tar-riċerka xjentifika billi jissottomettu s-settur akkademiku għal reġimi primarjament imfassla biex jirregolaw is-suq intern;

K. billi l-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen, qabel ma ġiet ikkonfermata mill-Parlament, wiegħdet fil-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2019-2024 li tappoġġja dritt ta' inizjattiva għall-Parlament u impenjat ruħha li twieġeb b'att leġiżlattiv meta l-Parlament jadotta riżoluzzjonijiet li jitolbu li l-Kummissjoni tressaq proposti leġiżlattivi;

1. Jafferma mill-ġdid l-impenn tal-Unjoni li tħares id-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, il-libertà akkademika kif ukoll il-libertà tar-riċerka xjentifika fid-dixxiplini xjentifiċi kollha u l-arti kif minqux fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

2. Jirrikonoxxi l-importanza fundamentali tal-libertà tar-riċerka xjentifika biex tavvanza l-għarfien tagħna ta' fenomeni naturali u soċjali, li b'hekk tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-innovazzjoni, il-progress soċjetali, u tiżgura l-benesseri in ġenerali taċ-ċittadini tal-Unjoni, kemm fl-Unjoni kif ukoll barra minnha, u jfakkar li l-libertà tar-riċerka xjentifika hija dritt universali u ġid pubbliku, li għandha tiġi applikata għad-dixxiplini xjentifiċi kollha; jissottolinja li fil-kompetizzjoni globali ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni, il-libertà tar-riċerka xjentifika hija prerekwiżit biex tattira t-talent b'ideat kompetittivi ġodda; jiddispjaċih f'dak ir-rigward li d-Dikjarazzjoni ta' Bonn hija nieqsa

[3] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Ottubru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-66/18, ECLI:EU:C:2020:792.

minn implimentazzjoni konkreta fil-livell Ewropew;

3. Jirrikonoxxi l-impatt profond tal-prekarjetà fuq il-libertà tar-riċerka xjentifika filwaqt li tippersisti l-prekarjetà fis-settur; jiddefendi d-drittijiet tax-xogħol tar-riċerkaturi xjentifiċi, it-tisħiħ tal-karrieri tagħhom, il-kuntratti ta' impjieg stabbli u l-aċċess għal sistemi komprensivi ta' protezzjoni soċjali; jemmen li r-riċerkaturi xjentifiċi għandhom jiġu pprovduti b'impjiegi ta' kwalità, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, pagi deċenti u postijiet tax-xogħol tajbin għas-saħħa, inkluż bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;

4. Jenfasizza li l-opportunitajiet indaqs, b'mod partikolari dawk imrawma mill-ugwaljanza bejn il-ġeneri, huma essenzjali għall-promozzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika kif ukoll biex jiġi żgurat li s-soluzzjonijiet għal diversi sfidi għall-avvanz ta' żvilupp sostenibbli u ekwu jinkorporaw perspettivi varji;

5. Jenfasizza s-sitwazzjoni partikolarment prekarja għar-riċerkaturi fil-bidu tal-karriera u li, sabiex jiżdied in-numru ta' riċerkaturi fil-bidu tal-karriera tagħhom, għandhom jiġu stabbiliti opportunitajiet ta' karriera aktar ċari u strutturati; jisħaq li dan għandu jiġi garantit ukoll billi jitrawmu proċeduri ta' reklutaġġ trasparenti, ħielsa minn kwalunkwe preġudizzju, u billi tiġi pprovduta kopertura tas-sigurtà soċjali xierqa għar-riċerkaturi kollha, inklużi l-kandidati għad-dottorat li huma involuti f'attività ta' riċerka bi ħlas;

6. Jinnota li huma l-korpi maniġerjali tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka xjentifika li jistabbilixxu l-prijoritajiet tar-riċerka xjentifika ta' dawk l-istituzzjonijiet; jirrikonoxxi li każijiet ta' degradazzjoni tad-demokrazija fl-organizzazzjonijiet tar-riċerka xjentifika jimminaw il-libertà tar-riċerka xjentifika; jenfasizza għalhekk l-importanza tal-awtogovernanza akkademika li għandha tinkludi d-dritt tar-riċerkaturi xjentifiċi li jkollhom vuċi dwar il-governanza tal-istituzzjoni xjentifika tagħhom, inkluż dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-istituzzjoni; jenfasizza li r-riċerkaturi xjentifiċi huma intitolati għad-drittijiet kollha skont l-Artikolu 12 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

7. Jemmen li l-organizzazzjonijiet tar-riċerka xjentifika għandhom jitħeġġu, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ l-awtonomija istituzzjonali tagħhom, jinvolvu ruħhom f'kooperazzjoni internazzjonali biex isaħħu r-relazzjonijiet bilaterali u multilaterali sabiex jiżviluppaw komponent ta' diplomazija xjentifika b'saħħtu li jindirizza l-libertà tar-riċerka xjentifika u konsegwenzi possibbli f'każ ta' ksur.

8. Jinsisti li l-Unjoni għandha tkun rifuġju sikur għar-riċerkaturi kollha f'riskju u għandha tistabbilixxi Skema Ewropea ta' Boroż ta' Studju għar-Riċerkaturi f'Riskju li tipprovdi appoġġ finanzjarju għal kollokamenti ta' emerġenza ta' riċerkaturi f'riskju fl-organizzazzjonijiet Ewropej tar-riċerka; jemmen li din l-Iskema għandha tkun ukoll mekkaniżmu ta' solidarjetà li jappoġġja lir-riċerkaturi Ewropej li jiffaċċjaw ksur tal-libertà tagħhom tar-riċerka xjentifika;

9. Jirrikonoxxi, skont id-Dikjarazzjoni ta' Bonn, li l-libertà tar-riċerka xjentifika tfisser il-ftuħ, l-iskambju, l-eċċellenza, l-internazzjonaliżmu, id-diversità, l-ugwaljanza, l-integrità, il-kurżità, ir-responsabbiltà u r-riflessività u li hija għalhekk pilastru ta' kwalunkwe demokrazija;

10. Jieħu nota tad-definizzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika fl-Anness II, il-punt (2), tal-proposta tal-Kummissjoni tat-13 ta’ Lulju 2023 għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew[4] biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa;

11. Jemmen li l-libertà tar-riċerka xjentifika trid tiġi mar-responsabbiltà li jiġu rispettati l-ogħla standards etiċi u l-integrità fir-riċerka xjentifika u għandha trawwem ix-Xjenza Miftuħa; jenfasizza li l-integrità tar-riċerka xjentifika teħtieġ it-trasparenza tal-finanzjament, u li l-libertà tar-riċerka xjentifika ġġib magħha responsabbiltà lejn is-soċjetà biex tipprovdi din it-trasparenza; jappoġġja bil-qawwa, għalhekk, il-prattika komuni ta’ komunikazzjoni trasparenti dwar sorsi ta’ finanzjament għall-attivitajiet ta’ riċerka u jistieden lis-settur xjentifiku jissalvagwardja din il-prattika;

12. Jenfasizza r-rwol deċiżiv ta’ qafas ta’ abilitazzjoni li hu mfassal b’mod xieraq u implimentat tajjeb biex jipproteġi u jippromwovi l-libertà tar-riċerka xjentifika b’mod effettiv madwar l-Unjoni, filwaqt li jqis sew l-appoġġ pubbliku disponibbli biex jiffaċilita l-produzzjoni, il-kondiviżjoni u t-tixrid tal-għarfien, bħala ġid pubbliku, u biex jevita kwalunkwe riskju ta’ interferenza jew imminar tal-indipendenza tar-riċerka xjentifika;

13. Jinsisti fuq ir-rilevanza ta’ għarfien miftuħ biex tiġi żgurata l-libertà tar-riċerka xjentifika; jappella għall-ħolqien effiċjenti u trasparenti tal-għarfien mingħajr ostakli artifiċjali li jfixklu l-aċċess għall-informazzjoni u d-disseminazzjoni tagħha; jistma li l-kondiviżjoni tar-riżultati tar-riċerka xjentifika għal skopijiet mhux kummerċjali trid tiġi protetta mid-dritt Ewropew u promossa b’mod attiv; jisħaq li riżultati xjentifiċi ffinanzjati mill-pubbliku għandhom jiġu ppubblikati f’ġurnali akkademiċi b’aċċess miftuħ u r-riżultati għandhom ikunu aċċessibbli għal kulħadd b’mod faċilment aċċessibbli;

14. Jinsab imħasseb dwar ir-rigress reċenti ta’ dan id-dritt fundamentali fl-Unjoni, li huwa essenzjali għal-libertà politika u l-parteċipazzjoni soċjali u jhedded li jimmina l-iżvilupp ta’ Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) kompetittiva u li tiffunzjona tajjeb;

15. Jinnota li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta’ Settembru 2020, bit-titolu “ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni” tikkonferma li t-tlestija taż-ŻER tirrikjedi r-rispett sħiħ tal-libertà tar-riċerka xjentifika, li tinkludi n-nuqqas ta’ interferenza fl-aġendi tar-riċerka, l-awtonomija istituzzjonali, u l-finanzjament adegwat kif ukoll il-mezzi meħtieġa għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka, iżda mhijiex limitata għalihom;

16. Jinsab imħasseb ħafna li l-Kummissjoni, minkejja l-kliem iebes tagħha fil-komunikazzjoni tagħha, qed tonqos milli tuża l-awtorità legali tagħha biex tipproteġi din il-libertà fl-Unjoni; jafferma mill-ġdid l-impenn tal-Unjoni li tħares id-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, il-libertà akkademika kif ukoll il-libertà tar-riċerka xjentifika u l-arti kif minqux fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; jinsab imħasseb ħafna dwar il-fatt li l-libertà tar-riċerka tinsab taħt pressjoni biex taderixxi mar-riżervi morali u politiċi;

17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu l-passi kollha li jaqgħu taħt is-setgħa tagħha biex

[4] COM(2023)0436

tipproteġi u tippromwovi l-libertà tar-riċerka xjentifika fl-Unjoni u tiżgura li l-etika u l-integrità tar-riċerka ma jkunux kompromessi, inkluż billi tuża l-awtorità legali tagħha biex tipprevjeni kwalunkwe rigress ulterjuri fir-rigward ta' dan id-dritt fundamentali. jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi u tiffinanzja b'mod attiv il-pluraliżmu xjentifiku billi tappoġġja proġetti fl-ispettru kollu tar-riċerka xjentifika;

18. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw bis-sħiħ u jħarsu l-libertà tar-riċerka xjentifika, u jiżguraw li l-libertà tar-riċerka xjentifika ma tiġix ristretta b'mod mhux xieraq minħabba xi miżura meħuda f'isem l-interess pubbliku, pereżempju fl-interess tas-sigurtà nazzjonali, l-integrità territorjali jew is-sikurezza pubblika, li tevita d-diżordni jew il-kriminalità, tipproteġi s-saħħa jew il-morali, tipproteġi r-reputazzjoni jew id-drittijiet ta' ħaddieħor, tevita l-iżvelar ta' informazzjoni riċevuta b'mod kunfidenzjali, jew iżżomm l-awtorità u l-imparzjalità tal-ġudikatura;

19. Jisħaq li t-tlestija taż-ŻER tirrikjedi r-rispett dovut u l-promozzjoni attiva tal-libertà tar-riċerka xjentifika madwar l-Unjoni, u jemmen li kwalunkwe tentattiv biex tiġi mminata jew il-falliment li tiġi promossa b'mod attiv din il-libertà jkollu impatt negattiv fuq l-iżvilupp ta' ŻER kompetittiva u innovattiva; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jkomplu jagħtu s-setgħa lill-komunità tar-riċerka xjentifika fl-aċċess, l-użu u d-disseminazzjoni tagħhom ta' kwalunkwe informazzjoni rilevanti għall-attività tagħha, inkluż billi jisfruttaw għodod diġitali b'sors miftuħ;

20. Jesprimi t-tħassib tiegħu fir-rigward tan-nuqqas tal-Kummissjoni li tuża l-awtorità legali tagħha skont it-Trattati biex tipproteġi l-libertà tar-riċerka xjentifika bħala wieħed mid-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-Unjoni, li tirrappreżenta abdikazzjoni serja tar-responsabbiltà tagħha li tħares l-istat tad-dritt fl-Unjoni, u jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni immedjata biex tirrimedja dik is-sitwazzjoni;

21. Jistieden lill-Kunsill Ewropew jappoġġja l-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika, u jiżgura li dan id-dritt fundamentali jiġi rispettat kif xieraq fl-Istati Membri kollha;

22. Jitlob għar-rikonoxximent tal-ħtieġa li jiġu mobilizzati fondi pubbliċi addizzjonali sabiex jiffinanzjaw ir-riċerka xjentifika indipendenti, filwaqt li tiġi evitata interferenza mhux dovuta li tista' timmotiva l-iskopijiet tagħha jew tinfluwenza l-metodi jew ir-riżultati tagħha;

23. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu l-fatt li l-pubbliku jkun konxju mill-importanza tal-libertà tar-riċerka xjentifika permezz tal-edukazzjoni, is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku, u l-appoġġ għall-ġurnaliżmu xjentifiku;

24. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, abbażi tal-Artikolu 182(5), flimkien mal-Artikolu 179(1), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal att dwar il-libertà tar-riċerka xjentifika, abbażi tal-prinċipji u l-għanijiet stabbiliti fl-Anness għal dan id-dokument biex tiggarantixxi, tipproteġi u tippromwovi din il-libertà fil-livell tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka u tar-riċerkaturi matul il-karriera kollha tagħhom;

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fl-anness lill-Kummissjoni u lill-Kunsill kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

## ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA

**Definizzjoni tal-Libertà tar-Riċerka Xjentifika**

1. Il-libertà tar-riċerka xjentifika hija parti kostitwenti tal-libertà akkademika u l-integrità xjentifika fl-Ewropa, filwaqt li għandha wkoll valur indipendenti, kif muri mir-referenza speċifika fl-Artikolu 13 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

2. Il-libertà tar-riċerka xjentifika tipprovdi drittijiet għar-riċerkaturi xjentifiċi individwali, drittijiet u obbligi għall-organizzazzjonijiet tar-riċerka xjentifika, u obbligi għall-awtoritajiet pubbliċi.

3. L-eżerċizzju tal-libertà tar-riċerka xjentifika, billi jġib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suġġett għal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali, kif preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika, fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, l-integrità territorjali jew is-sikurezza pubblika, li jevitaw id-diżordni jew il-kriminalità, jipproteġu s-saħħa jew il-morali, jipproteġu r-reputazzjoni jew drittijiet ta' ħaddieħor, jevitaw l-iżvelar ta' informazzjoni riċevuta b'mod kunfidenzjali, jew iżommu l-awtorità u l-imparzjalità tal-ġudikatura.

   Il-libertà tar-riċerka xjentifika tista' tkun limitata wkoll bħala riżultat ta' ċirkostanzi partikolari tar-riċerka jew restrizzjonijiet operattivi. Il-libertà tar-riċerka xjentifika trid tkun ibbilanċjata bir-reqqa ma' interessi leġittimi oħra, bħall-kisba ta' vantaġġi kompetittivi leġittimi u l-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali. Madankollu, tali limitazzjonijiet m'għandhomx imorru kontra prinċipji u prattiki etiċi rikonoxxuti, li r-riċerkaturi jridu jaderixxu magħhom.

4. Il-proposta għandha tibni fuq id-definizzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni ta' Bonn u skont il-punt 2 tal-Anness II tal-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma dawk li għandhom talenti fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija fl-Ewropa.

**Libertà tar-riċerkaturi xjentifiċi**

5. Ir-riċerkaturi xjentifiċi għandhom jiġu definiti b'mod wiesa' f'konformità mal-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa.

6. Il-libertà tar-riċerka xjentifika tikkostitwixxi d-dritt tar-riċerkaturi individwali li jiddefinixxu liberament il-kwistjonijiet tar-riċerka, li jagħżlu u jiżviluppaw teoriji, li jiġbru materjal empiriku, u li jużaw metodi sodi tar-riċerka xjentifika, li jżommu l-integrità xjentifika, li jikkontestaw dak li huwa komunement aċċettat, li jippubblikaw u jikkomunikaw liberament, u li jipproponu ideat u teoriji ġodda kif ukoll ixerrduhom liberament.

7. Id-drittijiet tar-riċerkaturi individwali jinkludu mill-inqas:

   (a) id-dritt li jassoċjaw f'organizzazzjonijiet professjonali jew akkademiċi

rappreżentattivi;

(b) id-dritt li jaċċessaw liberament informazzjoni pubblika, u d-dritt li jaċċessaw informazzjoni privata meħtieġa għal skopijiet xjentifiċi, li għandu jkun ibbilanċjat mad-drittijiet tad-detenturi tal-informazzjoni u n-natura/is-sensittività tal-informazzjoni;

(c) id-dritt li jżommu informazzjoni jew data speċifika, kif ukoll is-sors ta' tali informazzjoni jew data kunfidenzjali sabiex jiġu rrispettati l-istandards etiċi u xjentifiċi, biex jinkiseb objettiv xjentifiku jew biex jinkisbu objettivi leġittimi oħra;

(d) id-dritt li jippubblikaw, jikkondividu, ixerrdu u jikkomunikaw b'mod miftuħ, kemm internament kif ukoll esternament, id-dritt li jitkellmu b'mod liberu u kritiku dwar il-ħidma u l-politika tal-istituzzjonijiet tar-riċerka xjentifika u r-riżultati u d-data tar-riċerka tagħhom, mingħajr biża' ta' tpattija.

(e) id-dritt li jiddefinixxu b'mod liberu suġġetti ta' riċerka, biex jagħżlu, jiżviluppaw u jiġbru materjal empiriku u jinteraġixxu ma' riċerkaturi oħra.

8. Ir-riċerkaturi individwali għandhom ikunu jistgħu jgawdu dawk id-drittijiet individwali mingħajr biża' ta' tpattija.

**Drittijiet u obbligi tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka xjentifika**

9. Sabiex tiġi garantita l-libertà tar-riċerka xjentifika għar-riċerkaturi xjentifiċi, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka xjentifika għandhom igawdu awtonomija istituzzjonali effettiva. Filwaqt li l-awtonomija istituzzjonali hija prerekwiżit għal-libertà tar-riċerka xjentifika għar-riċerkaturi xjentifiċi u għan-natura awtonoma tar-riċerka, min-natura tagħha stess mhijiex subordinata għad-drittijiet tar-riċerkaturi individwali. Lil hinn mir-rwol tagħha li tipproteġi l-libertà tar-riċerka xjentifika, l-awtonomija istituzzjonali hija meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-settur xjentifiku. Għalhekk, il-proposta għandha ssib bilanċ bir-reqqa sabiex tarmonizza d-drittijiet individwali mal-awtonomija istituzzjonali.

10. L-organizzazzjonijiet tar-riċerka xjentifika għandu jkollhom il-libertà li jinvolvu ruħhom f'kollaborazzjoni internazzjonali.

11. Fi ħdan il-qafas tal-awtonomija istituzzjonali tagħhom, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jridu jipprovdu proċeduri trasparenti, ġusti u bbażati fuq l-eċċellenza għall-karrieri fir-riċerka.

12. Aspetti li għandhom jiġu kkunsidrati għall-istabbiliment tal-awtonomija istituzzjonali jinkludu l-awtonomija organizzattiva, l-awtonomija finanzjarja, l-awtonomija tal-persunal u l-awtonomija xjentifika.

13. L-awtonomija istituzzjonali hija kuntestwali ħafna u tista' tinkiseb b'ħafna modi differenti b'kombinazzjonijiet differenti ta' awtonomija. Biex tkun teżisti awtonomija istituzzjonali effettiva, m'hemmx bżonn li jiġu ssodisfati b'mod uniformi dawn l-aspetti differenti kollha tal-awtonomija istituzzjonali. Għalhekk id-definizzjoni ta' awtonomija istituzzjonali fil-proposta m'għandhiex tkun statika, iżda pjuttost għandha tippermetti l-

adattament għal kuntesti nazzjonali, reġjonali u istituzzjonali differenti b'mod partikolari billi tippermetti li l-enfasi taqleb bejn aspetti differenti ta' awtonomija istituzzjonali billi jiġi inkorporat apprezzament gradwali minflok binarju tal-aspetti differenti.

14. L-awtonomija istituzzjonali għandha ġġib magħha obbligu għall-organizzazzjonijiet ta' riċerka li jipprovdu xi forma ta' involviment ta' riċerkaturi xjentifiċi fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

15. Dak jinkludi d-dritt li jagħmlu kummenti pubbliċi dwar it-tmexxija tal-organizzazzjoni u s-sistema mingħajr biża' ta' tpattija. Dan jinkludi wkoll ir-responsabbiltà tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka li joħolqu kultura ta' dibattitu miftuħ. Jinkludi wkoll li jkun hemm proċeduri effettivi biex tiġi rrapportata l-imġiba ħażina, biex jiġu protetti, f'konformità mal-istandards stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], il-persuni li jirrapportaw imġiba ħażina, ksur ta' standards akkademiċi jew standards etiċi, kif ukoll proċeduri awtonomi, ibbażati fuq il-protezzjoni tal-privatezza u l-preżunzjoni tal-innoċenza, biex tiġi ttrattata l-imġiba ħażina rrapportata.

**Obbligi fundamentali**

16. Il-korpi governattivi fl-Istati Membri, fil-livelli kollha tal-gvern, inklużi l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, għandu jkollhom l-obbligu li jirrispettaw, jipproteġu, jippromwovu u jiżguraw il-libertà tar-riċerka xjentifika, inkluża l-awtonomija istituzzjonali.

17. Ir-rispett għal-libertà tar-riċerka xjentifika jfisser li l-korpi governattivi jibqgħu lura milli jwettqu interferenzi arbitrarji fil-libertà tar-riċerka xjentifika u milli jimponu restrizzjonijiet mhux dovuti fuqha, kif ukoll jibqħu lura milli jipparteċipaw b'mod attiv jew b'mod ta' kompliċità fi ksur tad-dritt.

18. Il-protezzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika tfisser li l-korpi governattivi għandhom l-obbligu li jieħdu miżuri attivi biex jipproteġu kontra partijiet terzi li jinterferixxu bla bżonn ma' kwalunkwe dimensjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika.

19. L-iżgurar tal-libertà tar-riċerka xjentifika jfisser li l-korpi governattivi jridu joħolqu b'mod attiv il-prekundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-eżerċizzju tal-aspetti kollha tal-libertà, inkluża l-awtonomija istituzzjonali. Dan jinkludi politiki favur karrieri sostenibbli fil-qasam tar-riċerka li jipprovdu impjiegi ta' kwalità fl-istadji kollha tal-karriera kif ukoll finanzjament istituzzjonali fit-tul, affidabbli u stabbli.

20. Il-promozzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika tfisser li l-korpi governattivi jridu jimpenjaw ruħhom b'mod attiv ma' partijiet terzi biex jippromwovu r-rispett, il-protezzjoni u l-iżgurar tal-libertà tar-riċerka xjentifika, u potenzjalment jiddiżimpennjaw ruħhom minn kooperazzjoni ma' partijiet terzi li ma jkunux qed jimxu mal-istess sensiela ta' prinċipji u valuri.

[1] Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

**Kunsiderazzjonijiet ġenerali**

21. Il-proposta leġiżlattiva għandha tirrifletti l-fatt li l-libertà tar-riċerka xjentifika trid titqies b'mod komprensiv, inkluża l-libertà mill-interferenzi u tiżgura li jeżistu kundizzjonijiet ta' qafas abilitanti. Ir-riċerka xjentifika għandha tkun ħielsa minn interferenza mhux dovuta min-naħa tal-gvern u għandu jkun hemm komunità xjentifika b'saħħitha kif ukoll korp ċiviku li jilqa' l-għarfien xjentifiku għall-eżerċizzju tal-libertà tar-riċerka xjentifika.

    L-awtoritajiet pubbliċi għandu jkollhom ir-responsabbiltà li jinvestigaw allegat ksur tal-libertà tar-riċerka xjentifika u li jżommu lill-awturi tal-ksur responsabbli.

22. Il-proposta leġiżlattiva għandha tinkludi l-ħolqien ta' sistema ta' monitoraġġ għar-rapportar ta' ksur tar-riċerka xjentifika ladarba dan jiġi identifikat.

23. Il-proposta leġiżlattiva għandha tirrikonoxxi li filwaqt li l-libertà tar-riċerka xjentifika għandha l-valur indipendenti tagħha, fi ħdan il-qafas ta' universitajiet moderni, il-libertà tar-riċerka xjentifika hija inseparabbli mil-libertà li tgħallem. Dan ifisser li, minħabba l-bażi legali tal-proposta u l-kompetenzi ewlenin tal-Unjoni dwar ir-riċerka, u b'rispett dovut lejn il-kompetenzi limitati tal-Unjoni biex tilleġiżla dwar l-edukazzjoni, il-proposta għandu jkollha l-għan li tipproteġi l-aktar kamp ta' applikazzjoni sħiħ possibbli ta' disseminazzjoni interna.

24. L-att propost għandu jkun legalment vinkolanti madwar l-Unjoni. Il-proposta għandu jkollha l-għan li toħloq qafas legali li joffri flessibbiltà suffiċjenti biex jiġu bbilanċjati d-drittijiet u l-obbligi fuq bażi ta' każ b'każ u li jista' jiġi applikat fl-Unjoni kollha minkejja d-diversità kbira fis-sistemi nazzjonali u reġjonali tar-riċerka xjentifika. U għandha toħloq punt tat-tluq għall-iżvilupp ta' standards minimi legali għal-libertà tar-riċerka xjentifika permezz tal-ġurisprudenza mill-qrati Ewropej, inkluża l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

| **Entità u/jew persuna** |
|---|
| European University Association |
| League of European Research-intensive Universities |
| Conference of European Schools for Advanced Engineering Education and Research |
| The Guild of European Research-Intensive Universities |
| Scholars At Risk |
| Eurodoc |
| Alexander von Humboldt Foundation |
| Fraunhofer-Gesellschaft |
| International Association of Scientific, Technical and Medical Publishers (STM) |
| German Research Foundation |
| Frontiers Media SA |
| Federation of European Publishers |
| Coimbra Group |
| International Federation of Library Associations and Institutions |
| RELX |
| ScienceEurope |
| Leopoldina |
| German Rectors Conference |
| All European Academies |
| Wissenschaftsrat |
| Prof Liviu Matei (personal capacity) |
| Max Voegler (personal capacity) |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 28.11.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 43<br>–: 3<br>0: 8 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Nicola Beer, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Ignazio Corrao, Beatrice Covassi, Ciarán Cuffe, Josianne Cutajar, Nicola Danti, Valter Flego, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Jens Geier, Nicolás González Casares, Bart Groothuis, Christophe Grudler, Robert Hajšel, Ivars Ijabs, Romana Jerković, Iskra Mihaylova, Angelika Niebler, Mauri Pekkarinen, Morten Petersen, Clara Ponsatí Obiols, Sara Skyttedal, Maria Spyraki, Riho Terras, Patrizia Toia, Henna Virkkunen, Pernille Weiss |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Pascal Arimont, Franc Bogovič, Paolo Borchia, Marc Botenga, Damien Carême, Francesca Donato, Matthias Ecke, Izabela-Helena Kloc, Zdzisław Krasnodębski, Marian-Jean Marinescu, Georg Mayer, Marina Mesure, Alin Mituța, Johan Nissinen, Jutta Paulus, Mikuláš Peksa, Robert Roos, Massimiliano Salini |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Carmen Avram, Peter Jahr, Virginie Joron, Ljudmila Novak, Milan Zver |

## VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 43 | + |
|---|---|
| NI | Clara Ponsatí Obiols |
| PPE | Pascal Arimont, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Franc Bogovič, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Peter Jahr, Marian-Jean Marinescu, Angelika Niebler, Ljudmila Novak, Massimiliano Salini, Sara Skyttedal, Maria Spyraki, Riho Terras, Henna Virkkunen, Pernille Weiss, Milan Zver |
| Renew | Nicola Beer, Nicola Danti, Valter Flego, Bart Groothuis, Christophe Grudler, Ivars Ijabs, Iskra Mihaylova, Alin Mituța, Mauri Pekkarinen, Morten Petersen |
| S&D | Carmen Avram, Beatrice Covassi, Josianne Cutajar, Matthias Ecke, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Jens Geier, Nicolás González Casares, Robert Hajšel, Romana Jerković, Patrizia Toia |
| Verts/ALE | Damien Carême, Ignazio Corrao, Ciarán Cuffe, Jutta Paulus |

| 3 | - |
|---|---|
| ID | Georg Mayer |
| NI | Francesca Donato |
| Verts/ALE | Mikuláš Peksa |

| 8 | 0 |
|---|---|
| ECR | Izabela-Helena Kloc, Zdzisław Krasnodębski, Johan Nissinen, Robert Roos |
| ID | Paolo Borchia, Virginie Joron |
| The Left | Marc Botenga, Marina Mesure |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni